# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju 2019**

**Numru 24**

**Rikors numru 918/08 SM**

**Raymond Auto Dealer Limited (C 9850)**

**v.**

**Veronica Brincat**

Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mill-konvenuta Veronica Brincat [l-appellanti] mis-sentenza moghtija fl-20 ta' Frar 2014 [is-sentenza appellata], mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti filwaqt li ddikjarat li l-konvenuta hi debitrici tas-socjeta` attrici Raymond Auto Dealer Limited [is-socjeta` appellata] fis-somma ta' €21,106.45, bilanc minn somma akbar, rapprezentanti prezz

ta' vettura *Ssangyong Rexton* bin-numru VER-604 [il-vettura], ikkundannatha thallas lis-socjeta` appellata dik is-somma likwidata, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-ittra ufficjali tal-4 ta' April 2008.

<u>Il-fatti</u>

2. Fit-30 ta' April 2007, l-appellanti kienet xtrat vettura minghand is-socjeta` appellata tal-marka Ssangyong Rexton bin-numru ta' registrazzjoni VER 604 bil-prezz ta' Lm12,500. Il-partijiet iffirmaw ftehim[1] bejniethom fejn l-appellanti, wara li gie dikjarat li s-socjeta` appellata kienet qeghda tircievi pagament fuq akkont, obbligat ruhha li thallas il-bqija tal-prezz fl-ammont ta' Lm8,447.37 permezz ta' pagamenti mensili. Stante li l-istess appellata naqqset li tonora l-obbligi taghha taht dak il-ftehim, il-partijiet iffirmaw ftehim iehor fis-6 ta' Novembru 2007 fejn filwaqt li hi ddikjarat ruhha debitrici vera, certa u likwida tas-socjeta` appellata fl-ammont ta' €21,106.45 (Lm9061), liema ammont kien ikopri l-interessi dovuti fuq il-bilanc mhux saldat u wkoll l-ispejjez legali, obbligat ruhha li taghmel pagamenti mensili ta' Lm200 fix-xahar. Jidher li din regghet naqqset mill-obbligu tal-hlas u fl-4 ta' April 2008 giet intavolata ittra ufficjali kontriha mis-socjeta` appellata ghall-ammont fuq indikat. Fil-frattemp fil-11 ta' Ottubru 2007 kien gie intavolat rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghall-hrug ta' mandat

[1] Dok. K1 esebit seduta 11 April 2007 quddiem l-ASG Av. Dott.Francesco Depasquale a fol. 29 spoll.

ta' qbid kawtelatorju fuq il-vettura mis-socjeta` appellata. Ir-rikors gie milqugh minn dik il-Qorti u l-mandat gie ezegwit fl-20 ta' Gunju 2008 billi giet elevata u ghaddiet ghand il-kunsinnatarju Saviour Sciberras. Fid-9 ta' Mejju 2012 gie ordnat il-bejgh bl-irkant ta' dik il-vettura fit-13 ta' Gunju 2012. Il-vettura nbieghet bl-irkant wara l-oghla offerta li saret minn Ray Auto Dealer (C9850) fl-ammont ta' €400.00 u b'hekk giet liberata favur tieghu 'tale quale' *animo compensandi.* Permezz ta' cedola ta' depozitu maghmula fl-14 ta' Gunju 2012, is-socjeta` appellata ddepozitat l-ammont ta' €400.00 taht l-Awtorita` tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili bil-kondizzjoni li jibqa' hemm depozitat sakemm jigi rtirat minn min ghandu dritt skont il-ligi.

<u>Mertu</u>

3. Illi s-socjeta` appellata fethet dawn il-proceduri fit-12 ta' Settembru 2008, fejn talbet lill-ewwel Qorti:

> "(i) tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuta hija debitrici tas-socejta` attrici fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf mija u sitt Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€21,106.45) bilanc ta' prezz ta' vettura Ssangyong Rexton bin-numru ta' registrazzjoni VER 604 kif fuq inghad;
>
> "(ii) konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf mija u sitt Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€21,106.45) hekk dovuta.
>
> "Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali ezekuttiva numru 460/2008 tal-4 ta' April 2008, u bl-imghax legali mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni."

4. L-appellanti pprezentat ir-risposta guramentata taghha fit-22 ta' Ottubru 2008 fejn eccepiet li t-talbiet tas-socjeta` appellata kienu infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex (a) sa mill-bidu l-vettura ma kinitx tahdem sew; (b) il-vettura kienet ilha sa minn Novembru tas-sena 2007 fil-pussess tas-socjeta` appellata; (c) is-socjeta` appellata kienet naqqset milli tbiegh il-vettura skont il-ftehim bejn il-partijiet iffirmat fis-26 ta' Novembru 2007 u dan irrizulta f'arrikkiment indebitu favur is-socjeta` appellata; (d) il-vettura kienet difettuza u ghalhekk il-bilanc ma kienx dovut; dan, salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellata filwaqt li l-appellanti rizervat id-dritt ghal kull azzjoni spettanti lilha skont il-ligi nkluz ghad-danni.

5. Fis-7 ta' Frar 2012, is-socjeta` appellata pprezentat rikors quddiem l-ewwel Qorti fejn, filwaqt li rrilevat li hi kienet ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' qbid kawtelatorju fuq il-vettura, talbet lill-ewwel Qorti sabiex tigi awtorizzata tbiegh il-vettura bi prezz ta' mhux anqas minn €9000 jew li dik il-vettura tinbiegh bis-subbasta. L-appellata rrispondiet ghal dan ir-rikors fit-30 ta' Marzu 2012 fejn opponiet l-ewwel talba izda accettat li l-vettura kellha tinbiegh permezz tal-procedura tas-subbasta ghal prezz gust u ekwu li kellu jigi stabbilit mill-ewwel Qorti, inkluzi dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li setghet timponi. B'hekk, permezz tad-digriet taghha tad-19 ta' April 2012, l-ewwel Qorti ordnat li l-vettura tinbiegh bis-subbasta.

<u>Is-Sentenza Appellata</u>

6. Fis-sentenza taghha tal-20 ta' Frar, 2014, l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "12.0. Illi skont il-perit legali fuq riferit jirrizulta sintetikament is-segwenti:
>
> "12.1 Illi l-intimata kienet marret ghand is-socjeta` rikorrenti u xtrat il-vettura in dizamina li kienet hemm esposta;
>
> "12.2 Illi l-bejgh u l-konsegwenti trasferiment necessarju sar regolarment skont il-ligi;
>
> "12.3 Illi jirrizulta li mill-bidu nett tat-trasferiment in dizamina l-intimata naqset li thallas il-pagament rateali bil-mod regolari pattwit;
>
> "12.4 Illi sussegwentement l-intimata bdiet tallega li l-vettura in dizamina bdiet taghmel iz-zejt;
>
> "12.5 Illi stante li l-vettura *de quo* kienet ghadha taht garanzija, l-istess vettura kienet mehuda ghand l-agent koncernat li informa lis-socjeta` rikorrenti u lill-intimata, li kien sab il-bejgh mill-gdid tal-vettura *de quo*;
>
> "12.6 Illi peress li l-intimata irrifjutat l-offerta tal-agent indikata fil-paragrafu precedenti l-istess agent kien indirizza l-problema riskontrata;
>
> "12.7 Illi sussegwentement stante li l-vettura kienet giet kolpita b'mandat ta' qbid, hi inbieghet permezz ta' subbasta gudizzjarja;
>
> "12.8 Illi s-somma karpita mill-istess procedura indikata fil-paragrafu precedenti ma irrizultatx li kienet bizzejjed biex taghmel tajjeb ghall-ammont minnha dovut lis-socjeta` rikorrenti;
>
> "**Ikkunsidrat:**
>
> "13.0. Illi mill-analizi peritali prodotta jirrizulta sintetikament is-segwenti:
>
> "13.1 Illi l-vettura *de quo* inxtrat mill-intimata permezz ta' kuntratt mas-socjeta` attrici datat it-30 t'April, 2007;

"13.2 Illi l-prezz tal-istess thallas permezz ta' depozitu parzjali tal-ammont involut, u l-kumplament kellu jithallas ratealment;

"13.3 Illi minhabba nuqqas ta' pagamenti minn naha tal-intimata kif originarjament pattwit saret skrittura datata s-6 ta' Novembru, 2007, li permezz taghha l-intimata irrikonoxxiet li hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' disat elef u wiehed u sittin Lira Maltin, (LM9,061.00);

"13.4 Illi permezz ta' skrittura sussegwenti datata s-26 ta' Novembru, 2007, l-istess intimata qablet li s-socjeta` rikorrenti kienet ser tqieghed il-vettura ghall-bejgh mill-gdid;

"13.5 Illi permezz tal-ittra ufficcjali datata l-4 t'April, 2008, is-socjeta` rikorrenti talbet lill-intimata biex thallasha wiehed u ghoxrin elf, mija u sitt Ewro u hamsa u erbghin centezmu, (€21,106.45), bilanc minnha lilha dovut;

"**Ikkunsidrat:**

"14. Illi preliminarjament ghandu jinghad li l-ewwel premessa dedotta mis-socjeta` rikorrenti tikkontjeni zball palezi dattilografiku fis-sens li ghandu jkun pacifiku li l-premessa hemm indikata ghandha taqra li s-socjeta` rikorrenti hi kreditrici tal-intimata – u mhux kif hemm indikata, (ara fol 1);

"15. Illi *di piu`*, ghandu wkoll ikun pacifiku li ghalkemm l-intimata issollevat diversi eccezzjonijiet fir-risposta taghha fuq riferita, hi naqset li ggib il-provi necessarji in sostenn tal-istess;

"16. Illi jirrizulta assodat, ghaliex anness mill-istess socjeta` rikorrenti, li l-vettura *de quo* kellha difett fiz-zejt minnha uzat izda, kif isostni l-perit legali in dizamina, jirrizulta assodat ukoll l-intimata uzat il-vettura in kwistjoni ghal xhur shah qabel ma irritornat il-vettura lis-socjeta` rikorrenti, (ara fol 74);

"17. Illi *di piu`*, l-allegazzjoni tal-intimata li l-vetura *de quo* kienet ilha fil-pussess tas-socjeta` rikorrenti ma treggix ukoll stante li dan sar a bazi ta' ftehim, espressament konkluz bejn l-istess kontendenti fis-26 ta' Novembru, 2007;

"18. Illi jirrizulta wkoll li l-istess intimata anke tat il-kunsens taghha li l-vettura tinbiegh bis-subbasta, (ara fol 46);

**Ikkunsidrat:**

"19. Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-eccezzjoni rigwardanti l-arrikkiment indebitu jinghad sintetikament is-segwenti:

> "19.1 Illi l-intimata ma jirrizulta li ressqet l-ebda azzjoni fir-rigward;
>
> "19.2 Illi in effetti l-vettura *de quo* kienet tpoggiet fix-*showroom* tas-socjeta` rikorrenti ghall-beneficcju taz-zewg kontendenti bl-iskop li tinbiegh;
>
> "19.3 Illi *molto piu`*, l-istess vettura intlaqtet b'mandat ta' qbid u sussegwentement giet anke mibjugha bis-subbasta;

"**Ikkunsidrat:**

"20. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta assodat li l-intimata ghad ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti l-ammont minnha mitlub fir-rikors guramentat promotur, inkluz l-imghaxijiet skont il-ligi dekorribbli mid-9 t'April, 2008, data ta' l-ittra ufficcjali mibghuta mis-socjeta` rikorrenti lill-intimata;

"21. Illi konsegwentement, l-intimata ghandha wkoll tkun responsabbli ghall-ispejjez naxxenti minn din il-procedura;

**Ikkunsidrat:**

"22. Illi din il-qorti m'ghandha l-ebda raguni fil-ligi ghaliex ghandha tikkontrasta l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet tal-perit legali *de quo* fuq sintetikament esposti u konsegwentement taghmilhom taghha;"

## L-Appell

7. L-appellanti pprezentat ir-rikors tal-appell taghha fit-12 ta' Marzu 2014 fejn fissret li l-aggravju taghha kien jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti ma kinetx ghamlet apprezzament gust tal-provi mressqa minnha u sahansitra skartat ix-xhieda tal-attur stess li kien ikkonferma li l-vettura kienet inbieghet bil-procedura tas-subbasta fil-mori tas-smiegh tal-kawza. L-ewwel Qorti ghaddiet biex laqghet it-talba tas-socjeta` appellata ghall-hlas tal-ammont intier pretiz minnha minghajr ma tnaqqas ir-rikavat mill-bejgh bis-subbasta tal-vettura mill-ammont li s-

socjeta` appellata kienet qegħda tippretendi li kien dovut lilha. L-appellanti għalhekk qegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirriforma s-sentenza appellata f'dak li sabiex l-ammont dovut ta' €21,106.45 jiġi ridott b'mod li jirrifletti r-rikavat mis-subbasta li rċeviet is-socjeta` appellata.

Ir-risposta tal-appell

8. Ir-risposta tal-appell ġiet intavolata mis-socjeta` appellata fl-1 ta' April 2014 fejn ġie rilevat li sallum hi għadha ma rċevietx dak ir-rikavat tal-bejgħ fis-subbasta tal-vettura u dan kien għadu regolarment depożitat fil-Qorti sabiex, wara ġudizzju finali fil-proċeduri odjerni, hi mbagħad setgħet tagħmel talba għall-ħlas ta' dak ir-rikavat.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

9. L-appellanti tgħid li tħossha aggravata mis-sentenza appellata u tgħaddi biex tressaq il-verżjoni tagħha dwar il-fatti kif ġraw fir-rigward tax-xiri, ħlas u eventwali bejgħ permezz tal-proċedura tas-subbasta tal-vettura in kwistjoni. Tagħlaq billi tgħid li mis-sorte oriġinali mitlub mis-socjeta` appellata kellu jitnaqqas ir-rikavat tal-bejgħ bis-subbasta tal-vettura. Imbagħad tfisser li l-aggravju tagħha kien jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti ma kinitx għamlet apprezzament ġust tal-provi li hi kienet

ressqet u sahansitra wkoll skartat dak li ntqal mill-attur (ir-referenza hi zbaljata ghaliex ix-xhud hu Ray Zammit li jiddikjara li ghandu kumpanija bl-isem Raymond Auto Dealer Limited) li l-vettura kienet inbieghet bis-subbasta waqt il-proceduri.

10. Minn dan il-Qorti tifhem li l-aggravju tal-appellanti jolqot biss il-fatt li l-ewwel Qorti ma naqsitx l-ammont ta' €400.00 rapprezentanti r-rikavat ricevut mill-bejgh bis-subbasta tal-vettura in kwistjoni, mill-ammont pretiz mis-socjeta` appellata, u xejn aktar. Dan qed jinghad in vista tat-talba tal-appellanti kif imressqa quddiem din il-Qorti sabiex -

> "thassar u tirriforma s-Sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar l-20 ta' Frar, 2014 fl-ismijiet fuq premessi, billi tiehu in konsiderazzjoni r-rikavat li dahhal l-appellat wara l-bejgh tal-vettura permezz tas-subbasta u tirriduci l-ammont mitlubta' wiehed u ghoxrin elf mija u sitt Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€21,106.45) sabiex jirrifletti l-ammont reali li jonqsu jiehu l-appellat da parti tal-appellanta."

11. Ghalhekk din il-Qorti ser tillimita l-konsiderazzjonijiet taghha ghal dan l-ilment.

12. Jirrizulta mir-rikors guramentat ipprezentat mis-socjeta` appellata li t-talba taghha hi ghall-hlas ta' €21,106.45 rapprezentanti bilanc fuq prezz tal-vettura in kwistjoni mibjugha u kkonsenjata lill-appellanti. L-ewwel Qorti laqghet din it-talba u kkundannat lill-appellanti thallas dan l-ammont.

13. L-appellanti qeghda tippretendi li l-ewwel Qorti kellha tnaqqas l-ammont rapprezentanti r-rikavat ricevut fil-bejgh bis-subbasta tal-vettura. Izda kif sewwa tghid is-socjeta` appellata, hi tista' biss tirtira r-rikavat depozitat taht l-Awtorita` tal-Qorti wara sentenza finali - u hawn din il-Qorti zzid – favoriha. Ghalhekk, il-pretensjoni tal-appellanti qeghda ssir f'stadju bikri fejn, la hemm sentenza finali li tikkonferma l-ammont intier dovut is-socjeta` appellata, u lanqas talba formali maghmula minn dik is-socjeta` ghall-hlas tal-ammont li jista' jkun gie dikjarat mill-Qorti dovut mill-appellanti lis-socjeta` appellata. Hu biss fl-istadju tal-ezekuzzjoni tas-sentenza finali favur is-socjeta` appellata li l-appellanti tista' toggezzjona ghall-hlas tas-somma intiera. Dan in vista tad-depozitu maghmul mill-offerent bl-oghla offerta li favurih giet liberata l-vettura fil-bejgh bis-subbasta li saret taht l-Awtorita` tal-Qorti. Jirrizulta li f'dan il-kaz dak l-offerent kien Raymond Auto Dealer, li min-numru tar-registrazzjoni tal-kumpanija C9850, il-Qorti tifhem hi proprju l-istess socjeta` appellata[2].

14. Kif jirrizulta mic-cedola ta' depozitu pprezentata minn dik is-socjeta` fl-14 ta' Gunju 2012, l-ammont tar-rikavat jinsab depozitat sabiex jigi rtirat minn min ghandu dritt ghalih skont il-ligi. Fil-kaz odjern u fin-nuqqas ta' mandat kawtelatorju jew ezekuttiv maghmul minn xi kreditur kontra l-appellanti jew permezz ta' rikors guramentat, is-socjeta`

---

[2] Ara kopja tal-atti tas-subbasta nru. 21/2012 ipprezentata mil-appellanti fit-28 ta' Frar 2019 skont digriet ta' din il-Qorti moghti seduta stante fil-11 ta' Frar 2019.

appellata ser ikollha d-dritt li tirtira l-ammont depozitat kif ikun hemm sentenza finali favur taghha izda certament mhux qabel. Il-kondizzjonijiet tal-izbank jipprovdi ghalihom is-subartikolu 944(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili:

> "Bla hsara ta' fejn il-ligi tghid xort'ohra, il-flus hekk imqieghda ma jistghux jigu zbankati, kollha jew bicca minnhom, minghajr ma jigu mharsa l-kondizzjonijiet maghmulin fic-cedola ta'depozitu, hlief jekk l-izbank isir b'esekuzzjoni ta' sentenza li tkun ghaddiet f'gudikat jew wara kunsens espress tal-persuni interessati."

15. Issa fil-kaz odjern, ma jirrizultax li l-appellanti tat il-kunsens taghha ghall-izbank tar-rikavat. Lanqas ma jidher li s-socjeta` appellata ghamlet xi talba abbazi ta' xi dritt spettanti lilha ghall-izbank ta' dak ir-rikavat. Ghalhekk tkun biss permezz ta' din is-sentenza li s-socjeta` appellata ser tkun legalment awtorizzata li tirtira d-depozitu ta' €400 sabiex jitnaqqas mis-somma meritu ta' dawn il-proceduri.

16. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ssib l-aggravju gustifikat fil-limiti tal-konsiderazzjonijet premessi, izda peress li jirrizulta li hadd mill-partijiet ma kien ghamel talba sabiex ir-rikavat mill-bejgh jigi zbankat favur tieghu, l-ispejjez ta' dan l-appell ser jibqghu bla taxxa.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi dwar l-appell tal-appellanti billi tilqghu fis-sens li mis-somma ta' €21,106.45 (wiehed u ghoxrin elf mija u

sitt Ewro u hamsa u erbghin centezmu) ghandu jitnaqqas l-ammont ta' erba' mitt euro [€400] flimkien mal-ispejjez tad-depozitu, li jinsab depozitat fir-registru tal-Qorti u li ghandu jigi rtirat mis-socjeta` appellata; tikkonferma s-sentenza appellata ghal bqija

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi filwaqt li dawk tal-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm